MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 348/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Spiteri talli:

1) Filwaqt illi kien fil-hanut “Catholic Book Centre” li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, nhar it-8 ta’ Ottubru 2004, ghall-habta tal-11.00 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ Kurcifiss li l-valur tieghu hu ta’ madwar Lm34, liema serq sehh ghad-dannu ta’ Carmela Chetcuti minn Rahal gdid u persuni ohra;

2) Fl-istess data, gewwa r-residenza tieghu f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;

3) Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi;

4) Kiser il-kundizzjonijiet u diversi sentenzi imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet u sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru qatt.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Spiteri hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu filwaqt illi ma haditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel wehda u, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 31, 49 u 50, 284, 285, 334 tal-Kap. 9 u l-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, ikkundannatu ghall-piena karcerarja komplessiva ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Spiteri pprezentat fid-9 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonferma l-htija tat-tliet imputazzjonijiet u l-liberatorja ta' imputazzjoni wahda u tirriforma l-piena billi tinghata wahda aktar gusta u ekwa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant ma jqisx ekwa u gusta. Jghid illi l-fatt li kellu tliet sentenzi ta' htija precedenti ma jfissirx li kien qed jghix hajja refrattarja u mhuwiex propens li jirriforma ruhu. L-appellant

jissottometti illi permezz ta' ordni ta' *probation* huwa jkollu l-ghajnuna mehtiega biex jirriforma ruhu.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

M'hemmx dubju illi l-piena nflitta f'dan il-kaz hija fil-parametri tal-ligi. Izda hemm bzonn li jsiru certi kjarifiki. L-ewwel Qorti qalet illi r-reat in kwistjoni twettaq fi zmien meta kien ghadu ma ddekorriex il-perijodu kollu li l-appellant kellu josserva bla ma jwettaq reati ohra, u dan b'referenza ghas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2002 (a fol. 37 – 39), imbaghad ghamlet referenza ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446. Issa, meta persuna tkun tqieghdet taht *probation* skond l-artikolu 5 tal-Kap. 152 jew inghatat *conditional discharge* skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152, jibqghu japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Kap. 152 (Att dwar il-*Probation* ta' Hatjin) in virtu` ta' dak li tipprovdi d-disposizzjoni transitorja (artikolu 28) misjuba fl-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446).

Skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152, **"bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li ghalih tkun tqeghdet taht *probation* jew li dwaru tkun giet liberata taht kondizzjoni, il-qorti ma tistax tqieghdha taht *probation* jew taghmel ordni dwarha kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att dwar dak ir-reat"**.

Dwar is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2002, jigi osservat illi l-Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-appellant (allura imputat) ghal multa ta' Lm300 imbaghad ghaddiet biex "tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kap.152" kif ukoll ghaddiet biex "tinnomina lill-Probation Officer Carmen

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Nygaard b'rapport specifikament dwar ix-xoghol tieghu, kull tliet xhur, anke verbalment, a tenur ta' l-artikolu 5". Dik il-Qorti, pero`, ma ndikatx ghal liema reat/i kienet qed tikkundanna lill-appellant ghal multa kif lanqas indikat ghal liema reat/i ghaddiet biex tapplika kemm il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 u dawk ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152. Jigifieri ma jistax jigi determinat dwar liema reat/i l-Qorti ghandha tittratta mill-gdid ma' l-appellant.

Stabbilit dan, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-piena adattata ghall-appellant fil-kaz odjern. Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-appellant li certament mhijiex wahda felici izda minn dak li jirrizulta mir-rapport tal-*probation officer* Carmen Nygaard jidher li l-appellant issa wasal f'*turning-point* ta' hajtu fejn jista' jibbenefika minn programm ta' rijabilitazzjoni tal-CARITAS sabiex jitbieghed minn kull forma ta' attivita` kriminali. Kif xehdet Carmen Nygaard, l-appellant dahal ix-*shelter* tal-CARITAS izda ma telax ghall-programm proprju minhabba l-fatt li gie kkundannat ghal perijodu ta' prigunerija. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma illi jkun aktar utili li, minflok perijodu qasir ta' tliet xhur prigunerija, dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijet l-appellant jinghata ordni ta' *probation* bil-kondizzjoni li jippartecipa fi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni offrut mill-CARITAS.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu l-htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet xhur u minflok tqieghdu taht probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, inkluz fost il-kondizzjonijiet dik li jikkompleta programm shih ta' rijabilitazzjoni residenzjali tal-CARITAS. Din il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-effetti ta' l-ordni skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------